**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 735/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Silvio Camilleri**

Illum, 26 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Silvio Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 163884(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

1. Talli fl-4 ta' Diċembru 2019 għal ħabta tal-ħamsa u kwart ta' filgħaxija, ikkommetta serqa minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Remedies Pharmacy li tinsab fi Triq Abate Rigord kantuniera ma' Triq Giuseppe Cali ġewwa Ta' Xbiex, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u dan għad-dannu tas-sidien tal-istess stabbiliment u/jew persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.
2. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Mariya Buchakova u lil Mark Caruana kontra l-volontà tagħhom skond l-Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi waqt illi kien qiegħed jagħmel reat kontra il-persuna kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjoni.
4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ġarr ʻil-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu arma tan-nar jew munizzjon mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija. Artikolu 52 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.
5. Talli fil-5 ta' Diċembru, 2019, għall-ħabta tas-18:15hrs ġewwa Triq Luqa Briffa, Gzira, bil-ħsieb li jagħmel delitt ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-ħin, għad-dannu ta' Stefania Pancrazi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mil-volontà tiegħu.
6. Fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa salv komplikazzjonijiet fuq il-persuna ta' Stefania Pancrazi skond kif iċċertifikat Dr. Stephanie Scerri MD4005 miċ-Ċentru Tas-Saħħa tal-Floriana.
7. U aktar talli f'dawn l-aħħar ġimgħat f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D., fid-digriet tiegħu tal-5 ta' Lulju 2019 li bih ta il-ħelsien mill-arrest.
8. U aktar talli f'dawn l-aħħar ġimghat f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Neville Camilleri LL.D. fid-digriet tiegħu tal-10 ta' Marzu 2016 li bih ta il-ħelsien mill-arrest. Artikoli 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
9. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Marzu 2022, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tielet u mir-raba' imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 41(1)(a), 49, 50, 86, 87(1)(e), 214, 221(1), 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 270, 274(c), 275, 277(a)(b), 279(a), 280(2), 289 u 579 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha w kkundanatu għal sitt (6) snin priġunerija. Inoltre` filwaqt li rrevokat l-ħelsien mill-arrest tiegħu kif mogħti b'digrieti tal-5 ta' Lulju, 2019 u tal-10 ta' Marzu, 2016, ordnat il-konfiska tas-somma komplessiva ta' €10,000 kif ordnat bid-digriet dwar ħelsien mill-arrest mogħti mill-Imħallef Dr. Aaron Bugeja fil-5 ta' Lulju, kif ukoll il-konfiska tas-somma komplessiva ta' €15,000 skond digriet dwar ħelsien mill-arrest mogħti mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri fl-10 ta' Marzu, 2016. Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-imputat iħallas l-ammont ta' €1,402.78 rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

Rat ir-rikors tal-appellant Silvio Camilleri, ippreżentat fit-23 ta' Marzu 2022, fejn talab lil din l-Qorti tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ai finijiet ta' ħtija fuq l-ewwel każ, izda tvarja s-sentenza fuq it-tieni każ u dana minħabba li sar apprezzament ħazin tal-provi, kif ukoll tingħata piena aktar xierqa billi tirrifletti ċ-ċirkostanzi veritieri kollha tal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda ta' Dr Roberta Holland nhar it-8 ta' Lulju 2022 u tal-Psikologa Gail Debono nhar il-25 ta' Novembru 2022.

Rat li nhar is-6 t'Ottubru 2023, l-appellant intavola rikors fejn talab lil din l-Qorti jogħġobha tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet it-testimonjanza ta' Helenio Galea, Stephania Calafato Testa, Joanna Buhagiar Fiott u Nicoletta Farrugia.

Rat ir-risposta tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali datata 12 t'April 2024.

Rat li nhar id-19 t'April 2024, "*Dr Noel Bianco għall-appellant jiddikjara li t-talba sabiex il-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga qed tiġi rtirata*".

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, dina l-Qorti tibda' biex tosserva illi għalkemm fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jisħaq li qed jinterponi appell "*limitatament dwar is-sejbien ta' ħtija fuq it-tieni kaz u rigward il-piena nflitta fuqu*", madanakollu l-aggravji imressqa minnu huma limitati għal piena erogata mill-Ewwel Qorti, mingħajr ma jindirizza bl-ebda mod dak li l-appellant isejjaħ bħala "it-tieni każ", u allura l-ilment tiegħu dwar is-sejbien ta' ħtija għas-serqa li seħħet fil-05 ta' Diċembru 2019 ġewwa Triq Luqa Briffa, il-Gżira.

Ma jindika imkien fir-rikors ta'l-appell ir-raġuni 'il għala huwa ħassu aggravat bis-sejbien ta' ħtija għal din is-serqa billi huwa igħaddi minnufih sabiex iressaq ilment fuq il-piena nflitta fuqu mill-Ewwel Qorti. Madanakollu fil-kors tat-trattazzjoni d-difensur tal-appellant jikkritika s-sentenza appellata fejn l-appellant kien misjub ħati tat-tentattiv ta' serq li seħħ fil-05 ta' Diċembru 2019, ġewwa Triq Luqa Briffa ġewwa l-Gżira billi isostni illi huwa ma kienx involut f'din is-serqa, bir-ritratt (*mugshot*) eżebit a fol.50 tal-atti li kien indikat minn xhud okulari bħala l-persuna li wettaq l-*isnatch and grab* fuq il-vittma Stefania Pancrazi, ma jixxiebaħx mal-persuna tiegħu.

Issa jibda biex jingħad illi il-vittma Stefania Pancrazia tixhed u tirrakkonta dak li seħħ meta l-malvivent ipprova jiġbdilha il-basket minn fuq spallitha. Hi tgħid li baqgħet tirreżistieh u dan sar vjolenti fil-konfront tagħha u beda jagħtiha bil-ponn f'wiċċha u qalibha fl-art. Tkompli tirrakonta illi kien hemm persuna li ħareġ minn gallarija fil-viċinanzi jittawwal biex jara x'kien qed jiġri. Tgħid illi wara li dan il-malvivent ħarab minn fuq il-post u din il-persuna niżżlet toffrielha l-assistenza u minnufih għarrfitha li kient f'posizzjoni tagħraf lis-suspettat. Inoltre tgħid li waqt l-aggressjoni il-malvivent ma kellux wiċċu mgħotti u hekk kif daħħlet fl-awla biex tixhed mal-ewwel għarfet lill-imputat bħala l-aggressur tagħha. Biex jikkorrobora din l-evidenza, imbagħad, hemm it-testimonjanza tax-xhud okulari Sammy Farrugia li jikkonferma illi meta ttawwal mill-gallarija sabiex jara x'kienet il-kommozzjoni li sema' għaddejja barra fit-triq, ra lill-aggressur "*b'pass mgħaġġel tiela' u fi split of a second ħares lejja. Kellu hoodie fuqu u kien liebes kollox iswed u hemmhekk jien rajt wiċċu*." Ikompli jiddeskrivieh bħala "*ġilda bajda, kellu xagħar iswed u bħala leħja kellu jew kienet ftit żgħira, imma ma kienx hemm leħja u hekk*." Jiftakar li kien liebes kollox iswed car jew 'faded', il-hood ma kenitx qed tgħattiehu rasu kompletament u l-qalziet kien tat-*tracksuit* iswed. Bħala statura jiddeskrivieh bħala twil, madwar 170 ċentimetru u mhux qawwi u lanqas irqiq. Mitlub jidentifika lil din il-persuna fl-awla, huwa jgħid illi ma seta' jagħraf lil ħadd. Madanakollu meta *a tempo vergine* huwa jiġi muri diversi *mugshots* mill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, huwa jagħraf dak tal-appellant bħala l-malvivent involut f'dan l-event kriminuż.

Magħdud ma' dan, imbagħad, hemm ix-xiehda tal-imputat stess li jikkonferma il-presenza tiegħu fuq ix-xena tar-reat, fil-jum u il-ħin indikat fl-akkuża. Jikkonferma illi fil-fatt huwa kien għaddej mit-triq fejn seħħet l-aggressjoni biex imur isostni il-vizzju tiegħu. Fil-fatt l-Ewwel Qorti li kellha ix-xorti tara lill-appellant jixhed fuq il-pedana tax-xhieda, u allura setgħat tosserva il-komportament tiegħu, tindika ċar u tond illi l-appellant ma joffri l-ebda kredibbilita' meta jiċħad l-involviment tiegħu f'dan l-aġir inkriminatorju. Meta, allura, dan jiġi mqabbel mal-i*stills* eżebiti mill-filmat tal-*camera* tas-sigurta elevat minn fuq ix-xena mill-uffiċjali tax-xena tar-reat, huwa evidenti, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti, illi l-aggressur, fit-tentattiv tas-serqa li seħħet fil-5 ta' Diċembru, ma kien ħadd ħlief l-appellant. Illi fid-dawl tal-evidenza li hemm fl-atti u fid-dawl tal-apprezzament ferm dettaljat li għamlet l-Ewwel Qorti meta għażlet li ma tagħtix attendibbilita' lil verżjoni tal-appellant, din il-Qorti issib illi ma hemm ebda mottiv la legalment u lanqas fattwalment li jista' iġiegħla tiskossa id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant ħati tal-ħames u s-sitt imputazzjonijiet lilu addebitati li jikkonċernaw is-serqa tal-05 ta' Diċembru 2019. Għaldaqstant għalkemm ma hemmx aggravju formali fir-rigward tat-talba magħmula mill-appellant għar-revoka tas-sejbien ta' ħtiija għal dawn l-imputazzjonijiet, il-Qorti tiċħad dan l-ilment.

Illi, finalment il-gravam rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' din l-Qorti huwa dak li jirrigwarda l-piena imposta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti. Huwa jsostni li l-istess għandha tkun waħda ferm aktar miti tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern. Jindika diversi fatturi li, fil-fehma tiegħu, l-Ewwel Qorti naqset milli tqis meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena, u ċioe':

a. L-ammissjoni tiegħu.
b. Il-koperazzjoni tiegħu mal-pulizija
c. Il-fatt li l-appellant huwa vittma tal-vizzju tad-droga liema vizzju iwasslu biex jikkometti diversi reati.
d. Il-fatt illi l-piena ma qisitx l-aspetti ta' retribuzzjoni, preventivi u ri-edukattivi jew rijabilitattivi tal-ġudikabbli.

e. Fir-rigward tal-konfiska tad-depożitu u/jew garanzija, meta ġiet għal sejbien ta' ħtija dwar il-ksur tad-digrieti tal-ħelsien mill-arrest, naqset l-Ewwel Qorti milli tieħu in konsiderazzjoni l-emendi introdotti fil-liġi u allura kellha tkun iktar umana  rigward din il-konfiska billi dawn ser jitħallsu mill-ġenituri tal-appellant mit-tfaddil uniku tagħhom.

Illi huwa indubitat illi l-piena nflitta fuq l-appellant hija waħda *entro* il-parametri tal-Liġi u li tirrifletti n-natura serja tad-diversi akkuzi li dwarhom instab ħati. Mhux biss, iżda l-appellant huwa pluri-reċediv, kif tindika l-fedina penali kkulurita tiegħu. L-appellant inoltre huwa persuna li ilu afflitt mill-vizzju tad-droga, iżda li jidher li ma tbiegħedx mill-ħajja kriminoġenika sabiex b'hekk il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tqis illi huwa biss permezz ta' piena karċeraja illi l-appellant jista' jingħata l-għajuna biex forsi jitbiegħed minn dan il-vizzju u sabiex is-soċjeta ma terġax taqa' vittma tal-aġir kriminali tiegħu. Tant hu hekk illi kif xehdu ix-xhieda li instemgħu minn din il-Qorti, b'mod ewlieni Dr. Robert Holland, jidher illi huwa biss meta l-appellant ikun f'ambjent ikkontrollat u strutturat illi jibda jirreġistra progress u jibda jagħmel sforz biex jegħleb il-vizzju tad-droga. Dan ma jistax jagħmlu, fil-fehma tax-xhud, jekk ikun re-integrat fis-soċjeta' mingħajr struttura f'ħajjtu u mingħajr persuni professjonali li jsewguh, u jkun hemm riskju kbir illi huwa jikkometti reati ġodda.

*In oltre*, s-sentenza mpunjata kienet waħda ben motivata ukoll fir-rigward tal-piena li kellha tiġi erogata fil-konfront tal-appellant, anke fid-dawl tal-fatt li l-Uffiċjal tal-*Probation* li ħejjiet *social enquiry report* quddiem l-Ewwel Qorti, ukoll kienet tal-fehma illi "*... wieħed isibha diffiċli li wieħed jara li Silvio ħa jiffunzjona barra għaliex il-ħabs ikun qed jiffunzjona tajjeb izda mbagħad barra jerġa jirrilapsja*". Finalment il-motivi li jġib l-appellant sabiex din il-Qorti tikkonsidra temperament fil-piena ma jsibux konfort fl-atti proċesswali, u dan għaliex fl-ewwel lok mhux minnu li l-appellant irreġistra xi ammissjoni, lanqas ma huwa minnu li huwa kkopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet. Biss biss, fl-istqarrija tiegħu huwa jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet rigward l-ewwel serqa, kif kellu kull dritt illi jagħmel, u fir-rigward tat-tieni serqa baqa'  jiċħad l-involviment tiegħu. Fir-rigward tal-vizzju tad-droga, kif ingħad, jidher illi l-appellant mhuwiex kapaċi jindirizza dan il-vizzju filwaqt li jkun

intergrat fis-soċjeta, iżda jista' jagħmel dan biss waqt li jkun fil-ħabs, u allura piena alternattiva għal dik tal-priġunerija żgur li mhux indikata għaċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Dan apparti il-fatt illi l-qrati tagħna jidher li taw diversi opportunitajiet lill-appellant biex jirriforma ħajtu, iżda dan ma sarraf f'ebda ġid għalih.

Finalment, fir-rigward tal-konfiska tad-depożitu u l-garanziji mogħtija mill-appellant meta kien konċess il-ħelsien mill-arrest f'każijiet oħra, (seba' u tmien imputazzjonijiet) il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni żewġ fatturi. Fl-ewwel lok l-emendi il-ġodda għall-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali li jagħtu diskrezzjoni lill-Qorti fir-rigward tal-ammont tal-garanzija li għandu jkun ikkonfiskat u fit-tieni lok, il-fatt illi d-depożitu ta' €2000 marbut mad-digriet tal-ħelsien mill-arrest mogħti minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, fil-5 ta' Lulju 2019 li jirreferi għalih is-seba' imputazzjoni, ġie żbankat, skont kif jixhed id-dokument eżebit a fol.601 tal-atti, minn ċertu Brenda Gatt li kienet id-depożitarja. Illi għalhekk il-Qorti tqis illi f'dan ix-xenarju huwa biss l-ammont ta' €1000 li għandu jkun ikkonfiksat mill-garanzija personali ndikata fid-digriet tal-05 ta' Lulju 2019 għal ħelsien mill-arrest mogħti minn din il-Qorti, u ammont ieħor ta' €1000 mill-garanzija personali mogħtija fid-digriet tal-10 ta' Marzu 2016 tal-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Neville Camilleri). Ghalhekk dan l-aggravju qed jkun milqugħ biss *in parte*.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell parzjalment, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata. Tikkonfermaha fejn l-appellant kien misjub ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkonfermaha fejn huwa kien ikkundannat għal perijodu ta' sitt snin priġunerija u għal ħlas tal-ispejjeż peritali fl-ammont ta' €1402. 78 fit-termini ta'l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, iżda tirrevokaha fejn kienet ordnata il-konfiska tal-garanziji mogħtija in konnessjoni maż-żewġ digrieti tal-ħelsien mill-arrest indikati fis-seba u it-tmien imputazzjonijiet, u wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma €1000 li għandu jkun ikkonfiskat mill-garanzija personali ndikata fid-digriet tal-05 ta' Lulju 2019 għal ħelsien mill-arrest mogħti minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, u**

**ammont ieħor ta' €1000 mill-garanzija personali mogħtija fid-digriet tal-10 ta' Marzu 2016 tal-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Neville Camilleri).**

**Edwina Grima**

**Imħallef**